Nru./No. 20,854
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 9 ta' Mejju, 2022
Monday, 9th May, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Avviżi tal-Gvern 7997
Notices *7997*

Avviżi tal-Qorti ..... 7998 - 8000
Court Notices ..... *7998 - 8000*

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 88 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi se ssir elezzjoni każwali biex jimtela l-post ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Id-9 ta' Mejju, 2022

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 88 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that a casual election is being held to fill the vacancy of a Councillor for the Local Council of Tas-Sliema.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

9th May, 2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali javżaw illi huma se jkunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, nhar it-Tlieta, l-10, l-Erbgħa, il-11 u l-Ħamis it-12 ta' Mejju, 2022 mill-10.00 a.m. sa nofsinhar biex jirċievu nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Id-9 ta' Mejju, 2022

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

In accordance with the provisions of regulation 89 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners notify that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Ex-Trade Fair Grounds, In-Naxxar, on Tuesday, 10th, Wednesday, 11th and Thursday, 12th May, 2022 from 10.00 a.m. to noon to receive nominations of candidates for the casual election of a Councillor for the Local Council of Tas-Sliema.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

9th May, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

763

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Diċembru, 2021, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Peas and Love Limited vs Steven Vella, Rikors numru 819/2021NB, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Steven Vella a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Peas and Love Limited (C88688) vs Steven Vella (KI 14791G) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-1 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrenti Peas and Love Limited (C88688) filwaqt Michelle sive Holly Pisani (KI 114765A) bil-ġurament tagħha talbet lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti sofriet danni bħala riżultat tal-inadempjenzi kuntrattwali daparti tal-intimat;

2. Tiddikjara li l-intimat aġixxa b'mod abbużiv u illegali meta unilaterlament u mingħajr awtorizzazzjoni skonnettja d-dawl u biddel is-sokra tal-ħanut numru 1 sitwat fil-pjan terran u formanti parti mill-blokk magħrufa bħala Sardinella Flats, fi Triq l-Imħallef Paolo Debono, L-Imsida, b'mod li eskluda lir-rikorrenti milli tkompli tokkupa l-istess ħanut li kienet tikri;

3. Tiddikajra illi l-intimat huwa responsabbli li jagħmel tajjeb għall-ħlas ta' kumpens in lenia tad-danni kollha minnha sofferti;

4. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti u l-kumpens dovut inkonessjoni ma' din il-vertenza, kif hawn fuq spjegat u dan okkorrendo permezz ta' periti nominandi għall-istess fini jekk ikun il-każ;

5. Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-kumpens lilha dovut in lenia tad-danni kollha minnha sofferti u likwidati inkonnessjoni ma' din il-vertenza.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat, kompriżi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju li qed ikun intavolat kontestwalment, u bl-intimat li jibqa' minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rikorrenti: 23, Hope Court, Apt 5, Triq ir-Ratal, Is-Swieqi

Intimat: 82, Triq l-Indipendenza, Ix-Xewkija, Għawdex

Ir-rikors fl-ismijiet Peas and Love Limited vs Steven Vella, Rikors numru 819/2021NB, jinsab differit għas-16 ta' Mejju, 2022, fl-9.40 a.m.

By means of a decree of the 16th December, 2021, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Peas and Love Limited vs Steven Vella, Application number 819/2021NB, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Steven Vella in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Peas and Love Limited (C88688) vs Steven Vella (ID 14791M) filed before the Rent Regulation Board, on the 1st November, 2021, the applicant Peas and Love Limited (C88688) whilst Michelle sive Holly Pisani (ID 114765A) confirmed on oath and requested this Honourable Board to:

1. Declare that the applicant suffered damages as a result of the breach of contract by the respondent;

2. Declare that the respondent acted abusively and illegally when he unilaterally and without authorisation disconnected the light and changed the lock of the shop number 1 found at ground floor level and forming part of the block known as Sardinella Flats, in Triq l-Imħallef Paolo Debono, Msida, in such a way as to exclude the applicant from continuing to occupy the same shop she had rented;

3. Declare that the respondent is liable to pay compensation in full for all damages suffered by her;

4. Liquidate all the damages suffered by the applicant and the compensation due in connection with this dispute, as set out above, and this will be done by means of nominated architects for the same purpose if necessary;

5. Order the respondent to pay to the applicant the compensation due to her in respect of all the damages suffered and liquidate it in connection with this dispute.

With costs against the respondent, including those of the Precautionary Garnishee Order which is being filed together with this application, and from now the respondent is summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: 23, Hope Court, Apt 5, Triq ir-Ratal, Swieqi

Respondent: 82, Triq l-Indipendenza, Xewkija, Gozo

The application in the names Peas and Love Limited vs Steven Vella, Application number 819/2021NB, has been postponed for hearing to the 16th May 2022 at 9.40 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 5th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

764

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Frar, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Ceclia Josephine Depasquale et vs Monica Degiorgio, Rikors numru 822/2021LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Monica Degiorgio a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 21st February, 2022, by the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Cecilia Josephine Depasquale et vs Monica Degiorgio, Application number 822/2021LC, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Monica Degiorgio in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Cecilia Josephine Depasquale (KI 0627747M), Theresa Maria Rizza Depasquale (KI 0364151M) u James Depasquale (KI 0702355M) vs Monica Degiorgio (KI 612248M), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-1 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrenti Cecilia Josephine Depasquale et esponew bir-rispett:

By means of an application in the names Cecilia Josephine Depasquale (ID 0627747M), Theresa Maria Rizza Depasquale (ID 0364151M) and James Depasquale (ID 0702355M) vs Monica Degiorgio (ID 612248M) filed on the 1st November, 2021, the applicants Cecilia Josephine Depasquale et humbly requested:

Illi l-esponenti jikru lill-intimata l-appartament internament immarkat bin-numru 3, 25, Triq Antonio Agius, Il-Furjana, bil-kera ta' €1,229.92 fis-sena li jitħallas kull tliet xhur bil-quddiem, liema kirja bdiet ħafna qabel l-1 ta' Ġunju 1995;

That the applicants lease to the respondent the appartment internally marked number 3, 25, Triq Antonio Agius, Floriana, for the rent of €1,229.92 yearly, that is paid every three months in advance, which lease commenced well before the 1st June 1995;

Illi a tenur tal-Artikolu 4A et sequitur tal-Kap. 69, kif emedat bl-Att XXIV tas-sena 2021, tista' tiġi riveduta biex tilħaq ammont li ma jeċċedix is-somma ekwivalenti għal 2% tal-valur fuq is-suq miftuħ tal-fond fl-1 ta' Jannar ta' din is-sena.

That in terms of Article 4A et sequitur of Cap. 69, as amended by Act XXIV of the year 2021, the rent with effect from the 1st June 2021, can be revised to reach the amount that does not exceed the amount equivalent to 2% of the value in the open market of the premises on the 1st January of this year.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord:

Thus, the applicants request this Board with respect:

a) Jiffissa l-kera abbażi tal-kriterji tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 u dan b'effett mill-1 ta' Ġunju, 2021, jew data oħra li jogħgbu jiffissa dan il-Bord;

a) To fix the rent on the basis of the criteria of Article 4A of Cap. 69 and this with effect from the 1st June 2021 or any other date that this Board may fix;

b) Alternattivament u fil-każ li l-intimata ma tgħaddix mit-test tal-mezzi, jordna l-iżgumbrament tagħha a tenur tal-Artikolu 4A(4) tal-Kap. 69 fi żmien sentejn u jiffissa l-kumpens għall-okkupazzjoni li għandha titħallas lill-esponenti għall-okkupazzjoni sad-data tal-iżgumbrament.

b) Alternatively, and in case the respondent does not satisfy the means test, orders his eviction in terms of Article 4A(4) of Cap. 69 within two years and fix the compensation for the occupation that has to be paid to the applicants till the date of eviction.

Bl-ispejjeż

With costs

Esponenti: ilkoll għand Cecilia Josephine Depasquale, 24, Triq l-Arcisqof, Il-Belt Valletta

Applicant: all for Cecilia Josephine Depasquale – 24, Triq l-Arcisqof, Valletta.

Notifika: Monica Degiorgio, 25 Flat 3, Triq Antonio Agius, Il-Furjana
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Cecilia Josephine Depasquale et vs Monica Degiorgio, Rikors numru 822/2021LC, jinsab differit għas-smigħ għas-16 ta' Mejju, 2022, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Respondent: Monica Degiorgio, 25, Flat 3, Triq Antonio Agius, Floriana
Housing Authority

The Application in the names Cecilia Josephine Depasquale et vs Monica Degiorgio, Application number 822/2021LC, has been postponed for hearing to the 16th May, 2022, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 5th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

765

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-4 ta' Ottubru 2021, Rikors numru 1664/2021, minn Vincent Carabott et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Vincent Carabott, hu d-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż; favur Rose Micallef u Joseph Carabott ulied il-mejjet Carmelo Carabott dan tal-aħħar ħu d-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż bejniethom; favur Vincent Carabott, Carmel Carabott u Maria Scicluna, ulied il-mejjet Salvu Carabott u per stripes favur Daniela Carabott Pawley u Sarah Carabott ulied il-mejjet Angelo Carabott dan tal-aħħar iben il-mejjet Salvu Carabott dan tal-ahhar ħu d-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż bejniethom; u favur Rosemary Vincenza Evangelista Harris, Doris Ann Bull, Eileen Elisabeth Attwood, Roderick William Joseph Taylor, Steven Michael Taylor, Arthur Joseph Vincent Taylor, Harry Thomas Taylor u Vinchanze Margaret Dean ulied il-mejta Mary Taylor din tal-aħħar oħt id-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż bejniethom is-suċċessjoni ta' John Mary Carabott, ġuvni, bin il-mejtin Vincent Carabott u Carmela née Cassar, imwieled Marsaxlokk, Malta, kien residenti Marsaxlokk, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fit-30 ta' Diċembru, 2019, ta' 82 sena, u li kellu karta tal-identità numru 0248137M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 5 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 4th October, 2021, Application number 1664/2021, by Vincent Carabott et whereby they requested that it will be declared open in favour of Vincent Carabott, brother of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share; in favour of Rose Micallef and Joseph Carabott children of the late Carmelo Carabott the latter brother of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share between them; in favour of Vincent Carabott, Carmel Carabott and Maria Scicluna children of the late Salvu Carabott and per stripes in favour of Daniela Carabott Pawley and Sarah Carabott children of the late Angelo Carabott the latter son of Salvu Carabott and the latter brother of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share between them and in favour of Rosemary Vincenza Evangelista Harris, Doris Ann Bull, Eileen Elisabeth Attwood, Roderick William Joseph Taylor, Steven Michael Taylor, Arthur Joseph Vincent Taylor, Harry Thomas Taylor and Vinchanze Margaret Dean children of the late Mary Taylor the latter sister of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share between them the succession of John Mary Carabott, bachelor, son of the late Vincent Carabott and Carmela née Cassar, born in Marsaxlokk, Malta, resided in Marsaxlokk, Malta, and died in Msida, Malta, on the 30th December, 2019, aged 82, and who held identity card number 0248137M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 5th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603